MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2005

Talba Numru. 1550/2004

**Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited – C 8692**

**Vs**

**Emanuel Zammit**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih is-socjeta' attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' sitta u tmenin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm86.50c) rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha wiegeb illi t-talba attrici ghandha tigi michuda fil-fatt u fid-dritt stante illi l-prezz

bilancjali ma thallasx minhabba ragunijiet maghrufa lil u mputabbli unikament ghas-socjeta' attrici u minghajr pregudizzju l-ammont mitlub ghandu jigi pacut ma' ammont dovut mis-socjeta' attrici lill-konvenut liema pretenzjoni giet dedotta fil-Kontro-Talba annessa mar-Risposta.

Illi fil-Kontro-Talba l-konvenut talab li jithallas is-somma ta' sitta u tmenin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm86.50c) rapprezentanti danni kkagunati lilu minhabba nuqqas ta' diligenza u negligenza tas-socjeta' attrici wara li sehhet hsara fil-*fridges* moghtija lill-konvenut liema hsara waslet ghall-hsara fil-merkanzija lilu kkonsenjata.

Ra r-Risposta ghall-Kontro-Talba da parti tas-socjeta' attrici li biha eccepiet li m'hijiex responsabbli ghall-ebda hsarat/danni allegatament sofferti mill-konvenut Zammit. Il-konvenut Zammit ghandu se mai jgib prova ta' tali danni li ma jistax isir tpacija kif gie eccepit stante li l-Kontro-Talba hija bbazata fuq hsara fil-*freezers* u quindi derivanti minn mertu ghal kollox distint u separat mill-mertu ossija bilanc tal-prezz ta' merkanzija.

Illi eccepiet ulterjorment illi l-azzjoni hija preskritta a tenur ta' l-Artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Sema' x-xhieda ta' Marvin Sapiano, Emanuel Zammit, Joseph Pace u Pasquale Cassar.

Sema' t-trattazzjoni ta' Dr Simon Galea Testaferrata ghas-socjeta' attrici u Dr Anthony Galea ghall-konvenut.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-konvenut kien jopera supermarket il-Mosta bl-isem JP Supermarket. Huwa kien jixtri merkanzija ghal tali supermarket minghand is-socjeta' attrici u minn zmien ghal zmien kien jigi Pasquale Cassar sabiex jiehu l-ordnijiet u mbaghad sussegwentement dawn l-ordnijiet jigu kkonsenjati lill-konvenut mid-*delivery section* tas-socjeta' attrici.

Gara illi l-konvenut iddecieda li ma jkomplix bis-supermarket billi sab lil min iwellih u wara li saru l-konteggi relattivi bejn il-partijiet, dak li kien dovut thallas hlief ghas-somma ta' sitta u tmenin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm86.50c) li huwa l-mertu tal-kawza odjerna.

M'huwiex ikkontestat li effettivament l-ammont mitlub jirrapprezenta prezz ta' merkanzija li giet ikkonsenjata lill-konvenut izda l-konvenut qieghed jallega li m'huwiex tenut ihallas dan l-ammont billi l-istess ammont jirrapprezenta danni ossija hsarat li huwa sofra kif ser jigi spjegat.

Il-konvenut isostni illi ftit qabel m'ghalaq is-supermarket, darba minnhom mar jiftah is-supermarket filghodu u sab li l-*freezers* fejn kellu l-oggetti tas-socjeta' attrici ma kienux qieghdin jahdmu. Dawn kienu *freezers* suppliti mis-socjeta' attrici sabiex fihom izomm biss merkanzija mill-istess socjeta' attrici. Huwa jghid illi cempel immedjatament lis-socjeta' attrici sabiex tigi biex tiehu l-affarijiet li kien hemm fil-*freezers* izda s-socjeta' attrici ma gietx u wara li ghaddew xi granet u li dawn l-affarijiet kienu allura hzienu, huwa qabad u ramihom.

Il-konvenut ikkalkula illi l-merkanzija li thassret hija ta' valur ta' sitta u tmenin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm86.50c) abbazi tal-prezz *wholesale* li kien jigi ddebitat lilu mis-socjeta' attrici.

Il-konvenut qieghed isostni illi s-socjeta' attrici ghandha taghmel tajjeb ghal dawn il-hsarat billi din naqset milli tmur tigbor il-merkanzija in kwistjoni meta huwa kien cemplilhom u nfurmahom bl-incident fuq imsemmi.

Qabel ma tressqu l-proceduri quddiem dan it-Tribunal, is-socjeta' attrici offriet lill-konvenut sabiex id-differenza tinqasam u li l-konvenut ihallas erbghin lira Maltin (Lm40) u l-kaz jaghlaq hemm, izda l-konvenut irrifjuta din l-offerta.

It-Tribunal jidhirlu illi fic-cirkostanzi tal-kaz kif inhuma m'huwiex car jekk l-affarijiet li thassru meta kien hemm il-hsara fil-*freezers* kienux gew mixtrija jew kienux *on a consignment basis*. Jekk kienu gew mixtrija mill-konvenut

allura dawn kienu tieghu u abbazi tal-principju *res periet dominum*, dan ifisser illi ghandu jbati l-konsegwenzi relattivi u dment li ma jgibx prova li l-hsarat fil-*freezers* huma mputabbli ghas-socjeta' attrici, ghandu jbati l-konsegwenzi hu stess.

Mill-provi prodotti ma jirrizultax li s-socjeta' attrici kienet b'xi mod responsabbli ghall-hsarat in kwistjoni jew almenu ma gewx prodotti xhieda cari u konkreti dwar kif sehhew l-allegati hsarat fil-*freezers* u konsegwentement f'dan ir-rigward, il-Kontro-Talba tal-konvenut ghandha tigi michuda.

Jekk il-merkanzija kienet *on a consignment basis*, dan ifisser illi f'dak il-mument il-konvenut kien depozitarju ta' oggetti li jappartjenu lil haddiehor u fuq din il-bazi huwa kien obbligat li jiehu hsieb l-affarijiet bhala *bonus pater familias*. Meta l-konvenut irrejalizza illi l-*freezers* kienu bil-hsara u ghalhekk kien hemm probabbilta' kbira li l-affarijiet li kienu fil-*freezers* sejrin idubu, huwa messu ha l-prekawzjonijiet kollha xierqa w opportuni sabiex jassigura illi ma tigrix hsara ulterjuri lill-merkanzija. Huwa evidenti li l-konvenut kulma ghamel kien li cempel lis-socjeta' attrici u waqaf hemm. Ma ha l-ebda passi sabiex jiehu hsieb ta' l-affarijiet. Facilment seta' jaqbad u jiftiehem appuntament mas-socjeta' attrici meta tkun tista' tigi ghall-affarijiet u jekk din tonqos, jiehu proceduri xierqa w opportuni sabiex dawn jitqieghdu go *freezer* iehor. It-Tribunal m'huwiex konvint li l-konvenut ma kellux spazju iehor fil-*freezers* l-ohra fis-supermarket – anzi, m'huwiex verosimili li ma kienx hemm spazju. Huwa minnu li l-*freezers* gew suppliti mis-socjeta' attrici u li s-socjeta' attrici ghamlet hekk sabiex dawn il-*freezers* jintuzaw esklussivament ghall-merkanzija li tforni hi, izda fis-sitwazzjoni partikolari tal-kaz, it-Tribunal huwa konvint li s-socjeta' attrici kienet tapprezza d-diffikultajiet li jkun sab ruhu fihom il-konvenut u taccetta li l-merkanzija minnha supplita jitqieghdu go *freezers* ohrajn.

It-Tribunal ihoss illi fuq bazi <u>purament legali</u>, l-konvenut naqas milli jiehu hsieb l-affarijiet u konsegwentement anki fuq din il-bazi l-Kontro-Talba tieghu ghandha tigi respinta.

It-Tribunal izid illi mill-provi prodotti jidher car li l-konvenut kien klijent tajjeb tas-socjeta' attrici. Fiz-zmien li kienu jikkumercjaw flimkien saru diversi transazzjonijiet li jinvolvu ammonti ferm superjuri ghal dak mertu tal-kawza. M'ghandux dubju li l-*freezers* veru kellhom il-hsara u li l-konvenut irrapporta u li s-socjeta' attrici ma marritx ghall-affarijiet li kienu fil-*freezers*. Huwa wkoll konvint li l-konvenut kien klijent tajjeb, organizzat u stmat. Kellu l-fiducja tas-socjeta' attrici u aktarx il-konvenut ippretenda li, tenut kont tal-*past performance* tajba li kellu mas-socjeta' attrici, din kienet tittrattah ahjar u tiskontalu l-ammont mertu tal-kawza in vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz. Izda sfortunatament ghall-konvenut dan il-hsieb tieghu, ghalkemm gustifikat fuq livell kummercjali, mhux gustifikat fuq livell purament ta' dritt. Tali agir pretiz mill-konvenut mis-socjeta' attrici seta' jsehh biss *ex grazia* fid-diskrezzjoni tas-socjeta' attrici u mhux fuq bazi ta' kuntratt, kwazi kuntratt, tort jew kwazi tort.

Finalment tibqa' biex tigi kkonsiderata l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mis-socjeta' attrici b'Risposta ghall-Kontro-Talba.

It-Tribunal jidhirlu illi din l-eccezzjoni ghandha tigi respinta billi ma jirrizultax li ghaddew sentejn minn meta gara l-allegat incident sal-mument li giet intavolata l-Kontro-Talba. Jirrizulta li l-incident sehh ghall-habta ta' bejn Ottubru u Dicembru 2003 u l-Kontro-Talba giet ipprezentata fi Frar 2005 – certament entro t-terminu ta' sentejn u dan qed jinghad minghajr diskussjoni jekk dan l-Artikolu japplikax ghall-kaz odjern.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad il-Kontro-Talba tal-konvenut u l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mis-socjeta' attrici, jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitta u tmenin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm86.50c) bl-interessi mid-data tan-notifika ta' l-Avviz sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjez kollha tal-kawza u tal-Kontro-Talba jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------